MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Numru 840/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**versus**

**Alexia Cross**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alexia Cross ta’ 27 sena bint James u Joesphine nne Mangion imiżwielda St Julians fl-14 ta’ Ġunju 1979 u toqgħod Blue Danube Flat 4 Tirq il-Makna tas-Serrar Msida, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 316279 (M)

Akkużata
(1) Talli f’Lulju 2006 u fil-gimghat immedjatament precedenti f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biz dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' iktar minn LM1000 ghad-dannu ta' Anthony Mangion u l-konjugi Ludgarda Mangion, ai terminu ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) Akkużata talli fl-sitess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamlet użu minn dokument falzż ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 dwar spejjeż b'konnessjoni ma' ħatriet ta' esperti.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha u kkonfermat din l-ammissjoni wara li ngħatat żmien biżżejjed biex taħsibha.

Għaldaqstant dawn l-imputazzjonijiet kienu ppruvati skond ma titlob il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h), 18, 28A, 28H, 183, 184, 308, 309, 310 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) issib lill-imputata ħatja tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontriha bl-ewwel imputazzjoni assorbita fit-tieni u fit-tielet imputazzjoni.

Il-Qorti, wara li semgħet liż-żewġ rappreżentanti tal-Bank of Valletta u ta' l-APS jiddikjaraw li l-imputata għandha ttithom Lm1910 u Lm600 rispettivament kif ukoll wara li rat id-dikjarazzjoni ta' l-imputata li hija lesta li tagħmel ftehim mal-Bank of Valletta kif diġa' għamlet ma' l-APS biex tibda tħallas id-dejn kollu ;

Wara li rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet mal-ewwel;

Wara li rat li fedina penali ta' l-imputat hija nadifa;

qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' sentejn priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal tliet (3) snin kif ukoll qed tordna lill-imputata li f'sitt xhur mil-lum tħallas id-dejn dovut minnha liż-żewġ banek in konnessjoni ma' l-imputazzjonijeit odjerni.

Il-Qorti fehmet lill-imputata l-artikolu 28A u 28H tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------